MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1151/2002

**Malta International Training Centre Ltd.**

**-vs-**

**Rosanne Galea u żewġha John Galea għal kull interess li jista’ jkollu.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-16 ta’ Ottubru, 2002 li permezz tagħha s-soċjeta’ attriċi esponiet bir-rispett:

Illi l-konvenuta Rosanne Galea kienet impjegata mal-kumpanija attriċi bħala *principal* u bħala tali kienet tokkupa kariga maniġerjali u kienet responsabbli mill-ġestjoni ta’ l-attivatijiet u n-negozju tal-kumpanija attriċi konsistenti prinċipalment fl-organizzazzjoni u t-tmexxija ta’ korsijiet ta’ taħriġ;

Illi l-konvenuta Rosanne Galea, akkont tagħha u/jew akkont ta' ħaddieħor mingħajr il-kunsens tal-kumpanija attriċi, għamlet negozju u/jew kellha interess f'negozju ta' l-istess natura ta' dak tal-kumpanija attriċi, preġudikat jew ippruvat tippreġudika r-relazzjonijiet u l-interessi kummerċjali u kontrattwali tal-kumpanija ma' terzi u użat il-proprjeta' il-kuntatti kummerċjali, l-informazzjoni konfidenzjali li akkwistat fil-kariga tagħha kif ukoll il-pożizzjoni tagħha biex tivvantaġġja l-interessi privati kummerċjali tagħha u dan bi ksur ta' l-obbligi tagħha bħala institriċi kif ukoll bħala impjegata tal-kumpanija liema aġir fuq imsemmi jinkludi, fost affarijiet oħra, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, okkażjoni meta l-konvenuta, akkond tal-kumpanija Future Focus Ltd (li tagħha hija direttur kif ukoll azzjonista), wara li għamlet arranġamenti mal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ u l-enti bażata l-Ingilterra bl-isem "Institute of Sales and Marketing Management", organizzat korsijiet ta' taħriġ sponsorizzati mill-imsemmija Korporazzjoni u akkreditati mill-"Institute" u dan, di piu', meta (i) l-arranġamenti inizjali għall-istess korsijiet ma' l-imsemmija Korporazzjoni u l-"Institute" kienu saru mill-konvenuta għan-nom tal-kumpanija attriċi u (ii) il-konvenuta kienet taf, minħabba l-kariga tagħha mal-kumpanija attriċi, li l-kumpanija attriċi kienet akkwistat is-*sole accreditation* għal Malta mill-"Institute" imsemmi u għal dan kienet ħallset somma konsiderevoli u daħlet f'obbligi oħra ma' terzi;

Illi bħala riżultat ta' l-aġir fuq imsemmi l-kumpanija attriċi sofriet danni konsiderevoli li għalihom hija responsabbli l-konvenuta;

Illi l-konvenuta, nonostante li ġiet interpellata anke uffiċjalment biex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni fuq imsemmija, baqgħet inadempjenti;

Jgħidu l-konvenuti għaliex din il-Qorti m'għandhiex, in vista tal-premess:

1. tiddikjarahom jew min minnhom responsabbli għad-danni sofferti mill-kumpanija attriċi minħabba li l-konvenuta, akkont tagħha u/jew akkont ta' ħaddieħor

mingħajr il-kunsens tal-kumpanija attriċi, għamlet negozju u/jew kellha interess f'negozju ta' l-istess natura ta' dak tal-kumpanija attriċi u/jew ippreġudikat jew ippruvat tippreġudika r-relazzjonijiet u l-interessi kummerċjali u kontrattwali tal-kumpanija ma' terzi u/jew użat il-proprjeta', il-kuntatti kummerċjali, l-informazzjoni konfidenzjali li akkwistat fil-kariga tagħha kif ukoll il-pożizzjoni tagħha biex tivvantaġġja l-interessi privati kummerċjali tagħha u dan bi ksur ta' l-obbligi tagħha bħala institriċi kif ukoll bħala impjegata tal-kumpanija;

2. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-kumpanija attriċi;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex iħallsu lill-kumpanija attriċi d-danni hekk likwidati in linea ta' danni.

Bl-imgħax u l-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Settembru, 2002, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kumpanija attriċi maħlufa minn James Portelli, I.D. 279668(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fis-6 ta' Awwissu, 2003 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament id-dikjarazzjoni ġiet maħlufa minn James Portelli mingħajr indikazzjoni la tal-kariga tiegħu fis-soċjeta' attriċi u lanqas tad-debita awtorizzazzjoni tiegħu, u inoltre fl-istess dikjarazzjoni ma ġiex dikjarat liema mill-fatti maħlufa James Portelli jafhom *di scentia* propria skond il-liġi;

2. Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għall-premess, fir-rigward il-konvenut John Galea, jiġi eċċepit illil dan m'huwiex il-leġittimu kontradittur stante li qatt ma kien impjegat mas-soċjeta' attriċi u qatt ma kien marbut b'obbligi kuntrattwali fil-konfront tagħha, u għaldaqstant bl-aġir tiegħu ma seta' qatt jikkawża danni lill-istess soċjeta' stante n-nuqqas ta' rabta ġuridika, b'dan illi għandu jiġi

liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi;

3. Illi f'dak li jirrigwarda l-konvenuta Rosanne Galea, fl-ewwel lok it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi qatt ma ġew ikkawżati danni lis-soċjeta' attriċi u *in ogni* każ jekk qatt ġew kawżati danni dawn m'humiex imputabbli lill-konvenuta iżda lis-soċjeta' attriċi stess stante illi minn dejjem kienet konsapevoli u effettivament qatt ma oġġezzjonat għal kwalunkwe attivita' li setgħet organizzat u/jew mexxiet il-konvenuta u dan anke għaliex meta oriġinarjament l-istess konvenuta kienet tat l-opportunita' lis-soċjeta' attriċi sabiex torganizza kors għal nisa li jkunu ser jirritornaw għad-dinja tax-xogħol l-istess soċjeta' għarrfet lill-konvenuta li ma kinitx interessata li torganizza korsijiet simili għalissa minħabba li tali korsijiet ma jirrigwardjawx il-materja li fuqha tiffoka l-Malta International Training Centre (MITC). Barra minn hekk l-MITC ma setgħetx torganizza l-imsemmija korsijiet il-għaliex ma kellhiex il-faċilitajiet ta' *child care* rikjesti b'insistenza mill-Assoċjazzjoni tan-Nisa fin-Negozju li għaliha kienu ser jiġu organizzati l-korsijiet;

4. Illi di piu' u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-argument tas-soċjeta' attriċi li l-arranġamenti għall-korsijiet ta' taħriġ sponsorizzati mal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ kif ukoll l-Institute of Sales and Marketing Management kienu inizjalment saru mill-konvenuta stess għan-nom ta' l-MITC, hija inveritjiera u fittizja għall-aħħar stante li għalkemm huwa minnu li dawn l-arranġamenti saru mill-konvenuta, kif kienet ben konsapevoli s-soċjeta' attriċi, din kienet qed taġixxi fil-vesti tagħha ta' President ta' l-Assoċjazzjoni tan-Nisa fin-Negozju u mhux bħala impjegata ta' l-MITC. Kienet l-għażla libera tal-konvenuta li tipprova tagħti x-xogħol lis-soċjeta' attriċi iżda minħabba r-raġunijiet hawn fuq esposti dan ma kienx possibbli u għalhekk l-istess konvenuta kompliet bl-arranġamenti mas-soċjeta' Future Focus Ltd;

5. Illi dwar l-akkreditazzjoni ta' l-Intitute for Sales and Marketing Management, m'huwiex minnu li s-soċjeta' attriċi kienet ingħatat is-*sole accreditation* mill-Institute of

Sales and Marketing Management, stante li s-soċjeta' Future Focus limited kienet ingħatat l-akkreditazzjonijiet neċessarji ukoll fir-rigward ta' dawn il-korsijiet, u dawn esklussivament fuq il-merti ta' l-istess soċjeta';

6. Illi di piu' u mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi rilevat illi l-konvenuta Rosanne Galea dejjem aġixxiet *in buona fede*, kienet persuna ta' ċerta integrita' u kienet affidabbli u effiċjenti fix-xogħol tagħha mas-soċjeta' attriċi, stante li d-diretturi stess ta' l-istess soċjeta' kienu wrew diversi drabi s-sodisfazzjon tagħhom għax-xogħol imwettaq minnha. Fil-fatt, jiġi rilevat illi l-problemi u ċirkostanzi li wasslu għall-vertenza odjerna bdew sempliċement u unikament meta s-soċjeta' attriċi impjegat terza persuna oħra sabiex tagħmel ix-xogħol li kienet qed twettaq il-konvenuta, offriet lill-istess konvenuta somma flus sabiex titlaq mill-impjieg tagħha magħhom, liema somma pero' ma ġietx aċċettata mill-konvenuta b'dan illi sussegwentement ġiet imkeċċija mill-impjieg tagħha, bir-riżultat illi kellha tinfetaħ kawża quddiem it-tribunal industrijali għat-tkeċċija inġusta (Kawża numru 1679 – Harold Walls), liema kawża pero' għadha pendenti;

7. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' attriċi;

8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju, 2005 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher miċ-ċitazzjoni s-soċjeta' attriċi qed titlob risarċiment ta' danni mingħand il-konvenuta peress li qed jiġi allegat mill-istess soċjeta' attriċi li meta l-konvenuta kienet impjegata magħhom użat il-pożizzjoni tagħha biex iġġestiet korsijiet li minnhom għamlet il-qligħ u li anke pprovat tieħu għaliha jew għas-soċjeta' tagħha

akkreditazzjoni ma' għaqda internazzjonali fil-kamp in kwistjoni.

Jidher ċar għall-Qorti li għal żmien twil il-konvenuta tħalliet tista' tgħid tagħmel li trid fl-ambitu' tax-xogħol tagħha. Is-soċjeta' attriċi li tagħha s-soċjeta' Middlesea Insurance għandha l-maġġoranza ta' l-ishma, kienet ippermettiet lill-konvenuta li tibda negozju tagħha fil-kamp assikurattiv u jidher ċar li għalkemm kienet qed tipperċepixxi s-salarju kienet iktar tgħaddi ħin tiġġestixxi n-negozju tagħha milli tkun fuq il-post tax-xogħol tagħha. Naturalment għal dan jaħti min kien jimpjegaha u huwa kundannabbli dan it-tip ta' atteġjament da parti tas-soċjeta' attriċi u l-imsemmija Middlesea Insurance u min imexxiha jew kien imexxiha fiż-żmien indikat, li kienet tippermettilha dan a skapitu ta' l-azzjonisti tagħhom. Jirriżulta li fiż-żmien in kwistjoni għalkemm il-konvenuta kienet impjegata f'pożizzjoni ta' responsabilita' kbira u allura ċertament imħallsa sew, kienet tkun preżenti biss saltwarjament fl-uffiċju lavorattiv tagħha u allura kienet tkun il-ħin kollu fl-uffiċju privat tagħha jew ossija fl-uffiċju tas-soċjeta' tagħha. Dan wassal għall-estremita' li s-segretarja tagħha kienet tikkomunika magħha bil-posta elettronika.

Minħabba f'dan il-konvenuta jidher li ħasbet li tista' tibqa' tagħmel li trid (il-proverbjali ħabel li tingassa għonqok bih) u huwa evidenti li approfittat ruħha miċ-ċirkostanzi biex għamlet qligħ għaliha personali meta suppost kienet qed taġixxi għan-nom tas-soċjeta' attriċi.

Mid-dokumenti esebiti, kompriżi numru ta' *e-mails* (fol 23 *et sequitur*), jirriżulta li s-soċjeta' attriċi (tramite l-konvenuta) kienet bdiet il-preparattivi biex torganizza seminars għan-nisa li riedu jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol u inizjalment kollox kien qed isir f'isem is-soċjeta'; f'daqqa waħda l-korrispondenza bdiet tidher f'isem is-soċjeta' Future Focus Limited li kif jirriżulta mill-atti, hija tal-konvenuta li għandha tista' tgħid l-ishma kollha. Ebda spjegazzjoni ma tista' tikkonvinċi l-Qorti li l-konvenuta m'approfittatx ruħha mill-pożizzjoni li kellha biex organizzat dan is-seminar hi f'isem is-soċjeta' tagħha. Apparti l-fatt kif semma fit-trattazzjoni tiegħu d-difensur

tas-soċjeta' attriċi, li l-konvenuta kellha kariga li taqa' taħt il-mansjoni ta' l-Artiklu 63 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li *manager* ma jistax jaġixxi in kompetizzjoni mal-prinċipal tiegħu, anke l-iktar regola bażika tal-ġustizzja timplika li ħadd m'għandu japprofitta ruħu minn ħaddieħor (u allura mill-kariga li jkollu fl-impjieg ta' ħaddieħor) biex jagħmel il-qligħ proprju a skapitu ta' min jimpjegah. Għalhekk l-azzjoni attriċi hija ampjament ġustifikata.

L-istess għandu jingħad għall-allegazzjoni tas-soċjeta' attriċi li l-konvenuta ttentat b'mezzi lleċiti li tottjeni a skapitu tagħha l-akkreditazzjoni ma' l-Institute of Sales and Marketing Management fir-Renju Unit. Jirriżulta li meta min imexxi dan l-istitut irrealizza dan, serraħ moħħ is-soċjeta' attriċi li kienet se tibqa' tirrikonoxxi lilha (fol 81 sa 83). Interessanti f'dan l-ambitu' l-ittra esebita a fol 81 fejn dawn qed jistaqsu lis-soċjeta' attriċi "*Who is this company?*" (Future Focus), kif ukoll meta nkiteb illi "*when we started dealing with Future Focus we were under the impression that this was with the knowledge and approval of MITC Directors.*" (fol 83).

Rigward l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti dawn jidher li għandhom jiġu riġettati. Diversi drabi l-Qrati tagħna nterpretaw il-liġi proċedurali fis-sens li l-fatt li min jaħlef iċ-ċitazzjoni jindikax li jaf il-fatti *di scientia propria* ma jannullax iċ-ċitazzjoni. Fir-rigward tal-konvenut, hu sewwa li ġie ċitat għaliex l-eventwali danni jidħlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti. L-Artiklu 1324 tal-Kodiċi Ċivili msemmi mid-difensur tal-konvenuti fit-trattazjoni tiegħu (għalkemm mhux indikat bin-numru tiegħu) jgħid li l-atti normali ta' ġestjoni tal-kummerċ isiru minn dak il-miżżewweġ jew miżżewġa li jiġġestixxi dak il-kummerċ iżda dan ma jfissirx li l-attiv u l-passiv ta' dak il-kummerċ ma jaqax taħt il-kappa tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Kwindi l-konvenut għandu *interess* fil-kawża għalkemm għandha tkun il-konvenuta li tiġi kkundannata tħallas għaliex ir-relazzjoni ġuridika li kellha s-soċjeta' attriċi kienet magħha.

Stabbilit dan għalhekk jibqa' l-kwistjoni tad-danni. Dawn ġew indikati mix-xhud Joseph Rizzo a fol 147 tal-proċess

u jinkludu s-somma ta’ ħamest elef, ħamsa u għoxrin Lira Maltin u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm5,025.35) li kien il-qligħ illi għamlet is-soċjeta’ Future Focus mill-kors in kwistjoni, seba’ mija u erba’ Liri Maltin u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Lm704.84) spejjeż għall-vjaġġ li għamel impjegat ta’ l-atturi fir-rigward ta’ l-akkreditazzjoni kif ukoll pagi ta’ impjegati fuq xogħol li sar fuq il-programm. Hija ċertament ġustifikata t-talba għal qligħ li sar a skapitu tas-soċjeta’ attriċi iżda din tkun qed titħallas indebitament jekk jiġu inklużi l-pagi msemmija għaliex dawn xorta kellhom jagħmlu x-xogħol in kwistjoni. L-iktar dibattibbli hija l-kwistjoni tal-vjaġġ iżda dan jidher li kien ġie indott mill-fatt li l-konvenuta pprovat u kważi rnexxielha tieħu l-akkreditazzjoni msemmija u allura kien hemm bżonn ta kjarifika diretta ma’ l-istitut imsemmi. Għalhekk il-Qorti jidhrilha li t-talba hija ġustifikata. Għalhekk is-somma dovuta fil-fehma tal-Qorti hija ta’ ħamest elef, seba’ mija u tletin Lira Maltin u tmintax-il ċenteżmu (Lm5730.18).

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u fil-waqt li tilqa’ t-talbiet kollha attriċi tikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ ħamest elef, seba’ mija u tletin Lira Maltin u tmintax-il ċenteżmu (Lm5730.18). L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------